**17 ta' Ottubru, 1960**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Maria Egizia Cassola

*versus*

Louis Cassola

**Separazzjoni Personali — "Alimonia Litis".**

*Hija ġurisprudenza tradizzjonali tal-Qrati ta' Malta li fil-pendenza tal-kawża tas-separazzjoni personali jtingħata lill-mara l-"alimonia litis", biex hija tkun tista' tkompli l-kawża, billi r-raġel, bħala kap tal-komunjoni, ikollu f'idejh il-ġid komuni. Din hija limitata għal dak l-import li l-Qorti tirritjeni neċessarju biex il-mara tista' tiddefendi ruħha adegwatament; fis-sens illi ma għandhiex tikkomprendi l-import kollu tal-ispejjeż ġudizzjarji li, meta tispiċċa l-kawża, il-mara jkollha tagħti lir-reġistratur, lid-difensur u lix-xhieda. Imma għandha tkun ċirkoskritta għal dak li hu strettament meħtieġ.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors tal-attriċi quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tad-19 ta' Jannar 1960, li bih dik l-attriċi talbet illi dik il-Qorti tordna lill-konvenut iħallas

somma adegwata għall-"alimonia litis", u illi l-pensjoni alimentarja tiġi awmentata a proporzjon tal-ammont tal-bżonnijiet tal-familja u tal-mezzi tal-konvenut;

*Omissis;*

Rat id-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-12 ta' Ġunju 1960, li bih dik il-Qorti pprovdiet fuq id-domandi tal-attriċi billi (1) awmentat il-pensjoni alimentarja stabbilita fid-digriet ġa msemmi b'sebgħa xelini (7s.) kulljum, u hekk ikkundannat lill-konvenut biex minn dak inhar il-quddiem, in pendenza ta' din il-kawża, fiċ-ċirkustanzi attwali, jissomministra lill-attriċi, għaliha u għat-tliet itfal minuri ġa msemmija, il-pensjoni alimentarja ta' £1.11.6 kulljum, bl-istess modalitajiet indikati fl-istess digriet. (2) u kkundannat lill-konvenut biex fi żmien tnax il-ġurnata jħallas lill-attriċi "alimonia litis" fis-somma ta' tnax il-lira (£12). L-ispejjeż ġew riżervati għall-ġudizzju finali; billi l-Qorti kkunsidrat;

Għar-rigward tat-tieni parti tad-domanda tal-attriċi illi b'digriet tat-2 ta' Awissu 1957 din il-Qorti, wara li ħadet in konsiderazzjoni . . . ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-attriċi, għaliha u għat-tliet itfal minuri komuni tażżwieġ li qegħdin mal-attriċi, fil-pendenza tal-kawża, b'titolu ta' alimenti provviżorji, il-pensjoni alimentarja ta' £1.4.6 kull jum;

Illi jirriżulta mill-provi li minn dak iż-żmien l-hawn iċ-ċirkustanzi tal-kontendenti tbiddlu biss . . . . ;

Illi f'dawn iċ-ċirkustanzi d-domanda tal-attriċi fit-tieni parti tagħha tiġi akkolta kif ser jissemma;

Tikkunsidra, għar-rigward tal-ewwel parti tad-domanda tal-attriċi;

Illi hu paċifiku fil-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati li r-rekwiżiti għall-otteniment tal-"alimonia litis" huma l-povertà tar-rikjedent u li dan ikollu raġuni tajba biex isostni l-kawża. In kwantu għall-ewwel rekwiżit, il-provi

tal-povertà tar-rikjedent għandhom ikunu konkludenti. Dawn il-*provi, però, hemm lok għalihom meta jkun jittratta* minn kollitiganti estranei, u mhux f'ċerti kawżi, fosthom bejn raġel u mara, meta l-povertà sa prova in kuntrarju għandha tiġi preżunta. Din il-Qorti hi soddisfatta li biex tista' tkompli l-kawża, l-attriċi għandha bżonn ta' din l-"alimonia". Jekk hija *għandha bżonn ta' għajnuna* akbar biex tista' tgħix u tgħajjex l-uliedha, neċessarjament dan ifisser li l-attriċi ma għandhiex mezzi biex tkompli *adegwatament l-istanza* minnha avanzata. In kwantu għarrekwiżit l-ieħor, din il-Qorti hi tal-fehma wkoll li għandha timmilita favur l-attriċi l-preżunzjoni li hija assistita minn "buon diritto". Hu wkoll paċifiku, però, li l-"alimonia" għandha tikkomprendi biss l-import li l-Qorti tirritjeni neċessarju biex il-parti tista' tiddefendi ruħha adegwatament, fis-sens li ma għandhiex tikkomprendi l-import kollu ta' l-ispejjeż ġudizzjarji li a ġudizzju terminat il-mara jkollha tagħti lir-Reġistratur, lid-difensur u lix-xhieda, imma għandha *tkun ċirkoskritta għal dak* li hu strettament meħtieġ;

Illi għalhekk id-domanda tal-attriċi fl-ewwel parti tagħha għandha tiġi wkoll akkolta kif ser jissemma;

Rat ir-rikors tal-konvenut, li bih appella mid-digriet fuq imsemmi tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u talab ir-riforma tal-istess digriet. fis-sens li ż-żieda tar-rata alimentarja tiġi mnaqqsa għal mhux iżjed minn żewġ xelini u nofs kulljum għaliha u għal uliedha, u għalhekk jiġi revokat *dak id-digriet għall*-eċċess ta' dik ir-rata, u jiġi revokat in kwantu għall-"alimonia litis"; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

*Ikkunsidrat;*

Illi hija ġurisprudenza tradizzjonali tal-Qrati ta' Malta li fil-pendenza tal-kawża tas-separazzjoni personali tingħata lill-mara l-"alimonia litis" biex hija tkun tista' *tkompli l-kawża*, billi r-raġel bħala kap tal-komunjoni. ikollu f'idejh il-ġid komuni. *L-ammont ordnat* mill-Ewwel Qorti huwa

moderat ħafna, u ma jistgħax jiġi kunsidrat bħala gravus għall-appellant;

Għaldaqstant ma hemmx lok li din il-Qorti ċċaħħad lill-attriċi mill-"alimonia litis" li tatha l-Ewwel Qorti;

Ikkunsidrat;

Illi anki meta wieħed jieħu fil-konsiderazzjoni l-kera li qegħdha tiffranka bl-okkupazzjoni tad-dar fejn qegħdha, u l-ftit renta li qegħdha ddaħħal l-attriċi, din il-Qorti ma jidhrilhiex li hemm lok li tiġi mnaqqsa, kif talab l-appellant, iż-żieda tar-rata alimentarja dekretata mill-Ewwel Qorti. U tabilħaqq . . . U fl-aħħar mill-aħħar, wara li jħallas l-alimenti provviżorji dekretati mill-Ewwel Qorti, l-appellant jibqgħalu biex jgħix adegwatament;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiċħad l-appell tal-konvenut appellant u tikkonferma d-digriet appellat; bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-appellant.